MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2011

Numru 332/2008

Il-Pulizija
(Spetturi Martin Sammut u Alfred Mallia)

vs

Sabrina Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazjonijiet kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 380980m, akkuzata talli:

1. fil-Belt Valletta nhar il-Hadd 13 ta' April 2008 ghal habta tas-7.00pm, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, permezz ta' strument li jaqta u bil-ponta, bil-hsieb li taghmel delitt, uriet dan il-

hsieb b’atti esterni li tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta ittantat tikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Angolina Grixti, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghha;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunat griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Angolina Grixti;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunat griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Angolina Grixti;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisret l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat, hsejjes jew b’mod iehor;

5. f’dawn il-Gzejjer nhar it-13 ta’ April 2008, ghal habta tas-7.25, gewwa l-Ghassa ta’ San Giljan, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, tat taghrif falz lill-Pulizija Ezekuttiva;

6. nhar it-13 ta’ April 2008, ghal habta ta’ 7.25 gewwa l-Ghassa ta’ San Giljan, iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew procedure kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi jibda biex jinghad illi l-imputata permezz tal-avukat taghha, Dr Joseph Brincat, kien fl-udejenza li nzammet fil-21 ta' Frar ta' din is-sena, ezenta lill-prosekuzzjoni mill-htiega li jigu prodotti x-xhieda mismugha fl-inkjesta. Skond dak risultanti mix-xhieda hekk mismugha mill-Avukat Anthony Cutajar, nominat fl-inkjesta, jirrizulta fi kliem testwali tieghu riportati a folio 81 (folio 22 tar-relazzjoni) li " ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija ta' nhar il-Hadd, tlettax t'April 2008, Sabrina Camilleri marret fir-residenza ta' Angolina Grixti b'sikkina mdaqqsa f'idejha u bl-istess sikkina, wara li tkellmet ma' Angolina Grixti dwar ex-boyfriend taghha Keith Pace, li fil-present kien qed johrog ma' bint Angolina Grixti, certa Maria, b'din l-istess sikkina, wara li gibditha minn wara darha, ghollietha l'fuq u tat daqqa biha lil Angolina Grixti f'sidirha in-naha tax-xellug. Per konsegwenza ta' dan l-incident, Angolina Grixti soffriet griehi ta' natura hafifa kif certifikat minn Dottor S.B.Dass. Illi dan jirrizulta kemm mix-xhieda li tat l-imsemmija Angolina Grixti kif ukoll in parti mix-xhieda li tat Shaian Bakoush, li ghalkemm tghid li ma ratx lil Sabrina Camilleri taghti daqqa ta' sikkina lil Angolina Grixti, tikkonferma li dak il-hin rat sikkina f'idejn Sabrina Camilleri".

Illi hawnhekk il-Qorti osservat li ghalkemm l-Avukat Cutajar jissemma fost l-esperti mill-Magistrat Inkwirenti l-inkarigu tieghu hu indikat qua "espert tal-marki tas-swaba" (vide fol.22) u l-fakolta' tas-smigh tax-xhieda bil-gurament inghatat lill-Dottor Mario Scerri li in adempienza tal-inkarigu "biex jistabilixxi l-fatti kollha rilevanti" ezamina medikalment lill-Angolina Grixti (il-parti allegatament leza) u rriskontralha lezjoni fuq l-aspett anterjuri tan-naha tal-lemin tas-sider li kienet friska u kienet tikkonsisti f'abbrazjoni assocjata ma' dbengila vjola, igifieri lezjoni li tinvolvi gerha superficjali tal-gilda. Zied jghid li l-flokk ma werirx marki fuqu jew li kien imtaqqab u fir-rigward l-abrazjoni stqarr illi "hu possibli [li din] assocjata ma dbengila kienet rizultat ta' blunt trauma u mhux rizultat ta' trauma kagunata minn strument li jaqta u bil-ponta bhal dik is-sikkina li giet murija lill-esponenti specjalment meta l-esponent jiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi fuq il-flokk illi

kienet liebsa l-imsemmija Grixti ma kienx hemm marki li jibdikaw illi dan il-flokk gie imtaqqab b'strument bil-ponta". Xi griehi, wkoll ta' natura hafifa, it-tabib irriskontra fuq il-persuna tal-imputata.

Intant, xhieda li iddeponew 'viva voce' quddiem il-Qorti kienu:

- l-Avukat Anthony Cutajar u t-tabib Mario Scerri li referenza ghalihom saret aktar il-fuq f'dan il gudikat;
- PS 1492 li esebixxa okkorrenza fuq rapport li ghamlet il-parti leza u li fl-ahhar parti tieghu jireferi ghar-rapport li l-imputata ghamlet l-Ghassa ta' San Giljan dwar l-aggressjoni li tghid li soffriet minn zewg persuni estranji ghall-parti leza;

- L-Ispettur Martin Sammut li esebixxa stqarrija tal-imputata u xehed rigward ir-'res gesta';

- Martin Bajada li esebixxa relazzjoni dwar l-inkarigu moghti lilu fl-inkjesta mill-liema ma jirrisulta ebda ness bejn it-telefon cellulari u l-imputata;

- Il- Professur Martin Sammut li xehed fuq l-ezamijiet tossikologici li ghamel fuq kampjuni tad-demm u urina tal-imputata u irriskontra livell gholi ta' alcohol fl-livell ta' persuna fis-sakra u sab wkoll traci ta' eroina, kokaina u sustanzi ohra kif spiegat fir-relazzjoni tieghu li esebixxa.

Fuq l-iskorta ta' din ix-xhieda l-Qorti hi tal-fehma li ma tistax tasal ghall-konvicju tal- imputata fuq ir-reati komprizi fl-avviz ghar-raguni li x-xhieda mehuda mill-Avukat Anthony Cutajar ma kinitx awtorizzata u ghaldaqstant mhiex ammissibbli ossija m'ghandha l-ebda valur probatorju, fil-waqt li l-istqarrija rilaxxjata mill- imputata lanqas ma taghmel prova fuq l-iskorta ta' sentenzi recent mill-Qorti Kostituzzjonali f'kas ta' stqarrijiet mehuda minghajr ma tinghata opportunita' lill-interrogat li jikkonsulta avukat.

Inghad dan, meta abbinat mal-fatt li mill-bqija tal-provi l-ebda imputazzjoni ma tirrizulta, tilliberha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------